

32003R0326

21.2.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 47/31

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 326/2003****ta' l-20 ta' Frar 2003****li jikkoreġi Regolament (KEE) Nru 1274/91 u jintroduċi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 fuq ċerti livelli stabbiliti għan-negozju tal-bajd**

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1907/90 tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar ċerti livelli stabbiliti għan-negozju tal-bajd <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendati mir-Regolament (KE) Nru 5/2001 <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 10 <sup>(3)</sup> u l-Artikolu 20(1) u <sup>(4)</sup> tiegħu,

Billi:

- (1) L-awtoritatjiet Griegi issuġġerixxew l-użu ta' termini aktar xierqa għall-indikazzjonijiet fuq pakketti u bajd dwar il-metodi tal-biedja għat-tiġieġ li jbidu li jinżammu ma' l-art. Għalhekk ċerti termini, fil-lingwa Griega, fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1274/91(3), kif l-aħħar emendati mir-Regolament (KE) Nru No 1651/2001(4), għandhom jiġu kkoreġuti skond dan.
- (2) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Laħam tat-Tiġieġ u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Regolament (KEE) Nru 1274/91 hu kkoreġut kif ġej:

1. Dwar il-verżjoni Griega.
2. Fl-Anness II, it-termini fil-lingwa Griega fit-tieni kolonna huma mibdulin b'dan li ġej:  
“Αυτά Αχυρώνα  
Αχυρώνα”.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Madankollu, it-termini Griegi użati fuq pakketti u bajd qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistaw ikomplu jiġu użati sa l-1 ta' Ġunju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, 20 Frar 2003.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 173, tas-6.7.1990, p. 5.<sup>(2)</sup> ĠU L 2, tal-5.1.2001, p. 1.<sup>(3)</sup> ĠU L 121, tas-16.5.1991, p. 11.<sup>(4)</sup> ĠU L 220, tal-15.8.2001, p. 5.